MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 352/2013

The **Catering Centre Limited**

**Vs**

**Matthew Borg**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet lill-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' erbat elef disa' mija u tnejn u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€4,942.94) dovuti minnu lill-kumpanija attrici u rapprezentanti prezz ta' *catering equipment* mibjugh u kkonsenjat lilu fuq ordni tieghu stess.

Il-konvenut gie nterpellat kemm-il darba sabiex ihallas l-ammonti dovuti minnu izda baqa' inadempjenti, anke wara li ntbghatet ittra ufficjali fit-3 t'April, 2013, ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12, li l-intimata kkontestat. Kopja tal-ittra, b'anness maghha statement li juri l-ammont dovut, qed tigi pprezentata bhala "Dok A".

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, nkluz ta' l-ittra ufficjali msemmija, kif ukoll bl-oghla imghax legali applikabbli skont il-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, u b'ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2014, il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta tat-3 ta' Marzu, 2014 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2014, il-konvenut imsejjah tliet darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef disa' mija u tnejn u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€4,942.94), bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz ta' l-ittra ufficjali tat-3 t'April 2013, li intbaghtet ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, kif ukoll bl-oghla imghax legali applikabbli skont il-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------